**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

***Kumpilazzjoni Nru. 901/2015***

**Il- Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**-vs-**

**Aloisia Mifsud Grech, detentriċi tal-Karta tal-Identita' numru 0303463M**

Illum, 24 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Aloisia Mifsud Grech**, u ċioè talli:

F'Marzu, 2015, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess diżpożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Approprijat ruħha, billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuna/i, is-somma ta aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-dannu ta' Mary Mifsud liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u liema somma ġiet fdata u kkonsinjata lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha jew minħabba kapaċita' neċessarju.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-2 t'April, 2018,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 293, 294, 18 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok qed jigi osservat li f'dawn l-atti hemm <u>numerar doppju</u> fis-sens li filwaqt li l-*bank statements* huma nnumerati bhala fol. fol.59 sa

[1] Fol.255 u kopja 257

fol.186, wara jerga' jibda l-ennumerar minn fol.90. Ma saritx korrezzjoni tenut kont li l-partijiet gja hadju kopja tal-atti hekk kif inhuma.

L-ufficjal investigattiv **William Scicluna** spjega kif kien sar rapport l-Ghassa ta' Birkirkara minn Mary Mifsud fil-konfront ta' bintha, l-imputata, u dan peress li din tal-ahhar, li kellha prokura generali, kienet gibditilha €30,400 minn zewg kontijiet bankarji mizmuma mal-BOV u mal-HSBC.[2] Minn investigazzjonijiet li saru mal-banek irrizulta li kien minnu li l-imputata gibdet il-flejjes permezz tal-prokura li kienet f'isimha.[3]

Gie prezentat il-**Current Incident Report** li sussegwenement kien ikkonfermat minn **PC522 Philip Gauci**[4] **u WPS198 Jennifer Caruana.**[5] Maria Mifsud, flimkien ma uliedha Giorgina Borg, Lilian Fenech, Martin Mifsud u Carmela Mannino, rrapurtaw li *bonds* u *shares* li kienu f'isem zewgha (u missierhom rispettivament) u li meta gie nieqes ghaddew fuq isem Maria, gew mibjugha minn Aloisia li kellha prokura f'isimha. Dawn inbieghu fil-21 ta' Marzu, 2015, u fl-24 ta' Marzu, 2015, u dan fi zmien meta skond il-kwerelanti l-prokura kienet twaqfitilha. Minbarra hekk <u>Aloisia gibdet il-fuq minn €30,000. Gie rrapurtat ukoll li Maria kienet tatha ammont ta' deheb biex jitpogga gewwa *safe* il-bank izda meta</u>

[2] Fol.8
[3] Fol.10
[4] Fol.184 et seq.
[5] Fol.193

talbitha tirritornah Aloisia baqghet tirrifjuta li taghmel dan.[6] Dan ir-rapport sar fil-25 ta' Lulju, 2015.[7]

Il-kwerelanta **Maria Mifsud** spjegat kif saret taf li flusha kienu sparixxew mill-kontijiet bankarji. Kollox beda meta kien gie deciz flimkien ma whud minn uliedha biex jithallas il-passagg lejn Malta ghall-bintha Vicky li tghix l-Amerika. Ghalkemm fil-bidu kien hemm qbil bejn l-ahwa, wara 3 minnhom oggezzjonaw.[8] Hi kienet qaltilhom li bintha kienet ser tiehu dawn il-flus bhala sehem taghha f'dak iz-zmien u huma jiehdu sehemhom wara: *"Dik ha ntihomlha issa, imma lilkom ghandi minn fejn naghtihomkom ghax* ***il-pensjoni dejjem il-Bank u qatt ma' hadtha****. ……jiena ghidtilha li ghandi minn fejn naghtihomlhom……. U mbghad daqshekk. U mbghad baqghet tigi d-dar,* ***kelli bzonn immur il-Bank ghax ridt nidhol go home*** *u ghidtilhom: "Ma' rridx nisma u lanqas nara, dan l-inkwiet li qed taqilghuli."* ***Immur il-Bank, u ma' nsibu xejn. Hadithom kollha."***[9] Kemm il-darba talbitha il-prokura lura izda l-imputata ma tatx widen ***"Kont nitlobhiela u minn hawn jidhol u minn hawn johrog***[10] *….Ghandna d-deheb ukoll.* ***Id-deheb kienet tinzilli bih hi, l-Bank, fis-safe, u meta jkolli bzonn kienet tmur igibuli hi"***[11] izda meta marru l-bank id-deheb ma sabuhx. Aloisia ntalbet igib id-deheb li kien inghatalha u sar elenku tieghu *"Dan kitbitu hi stess, id-dar tieghi, quddiem hutha kollha, x' ghandna deheb. X' ghandi*

[6] Fol.15
[7] Fol.12
[8] Fol.29
[9] Fol.30-32
[10] Fol.32
[11] Fol.39

*deheb. Biex jekk inisbu xi haga nieqsa, hi responsabbli."*[12] L-elenku tad-deheb li nghata lil Aloisia nkiteb quddiem hutha.[13]

Ix-xhud gharrfet il-prokuri moghtija lill-imputata li gew maghmula quddiem Nutar f'Birkirkara, wahda minnhom maghmula minnha flimkien ma wliedha l-ohra.[14] Wara li nqala l-inkwiet ma Aloisia kienet titlobha biex itihilhomlha lura izda meta l-imputata baqghet tirrijuta li taghmel dan hi tat struzzjonijiet biex l-prokuri jigu terminati.[15] **Fil-fatt esebiet ittra ufficjali li saret nhar it-30 t'April, 2015 li permezz taghha il-prokuri gew terminati b'effett immedjat;**[16] sussegwentement (jirrizulta li fit-28 ta' Marzu, 2015) inghatat prokura gdida lil bintha Lilian Fenech.[17] Hi riedet flusha sabiex tidhol go *Home* izda wara li ttiehdulha flusha minn bintha Aloisia ma setghetx taghmel dan ***"jien ridt nidhol go home u ma' kellix imbghad."***[18] Maria Mifsud ikkonfermat *bank statements* li rceviet minghand l-HSBC u mill-BOV.

Riprodotta esebiet stqarrija guramentata li fuqha gharrfet il-firma taghha. Tghid li ghamlitha wara li kisbet l-informazzjoni minghand il-banek. Maria Mifsud tiddikjara li f'Marzu, 2015, ingibdu €21,229.95 u €4,236.30 mill-Bank of Valletta, u €5,000 minghand l-HSBC ***"qabdet u hargithomli minn investimenti, ddepozitathom fil-kont bankarju tieghi u***

---

[12] Fol.40
[13] Fol. 41; Vide **Dok.MM2** a fol.53
[14] Fol.33-34
[15] Fol.42-43
[16] **Dok.MM3** a fol.54-58
[17] Fol.36. Prokura fuq Lilian Fenech esebita a. fol. 175-181; Vide xhieda ta' **Lilian Fenech** 171-174
[18] Fol.44

***gibdithom".***[19] Tissokta tghid: ***"Kienet tigbed hafna ammonti fix-xahar li ma kontx nuzahom jien u fil-fatt kienet tigbed iktar milli kienet tidholli pensjoni. Kienet tixtri affarijiet ghaliha mill-kont bankarju tieghi. Dawn il-flus Aloisia Mifsud Grech gibdithom minghajr il-permess tieghi u dan ghax abbuzat mill-prokura li kont tajtha biex tamminstrali l-beni tieghi.*** *Minbarra dawn il-flus Aloisia Mifsud Grech qed tirrifjuta ukoll li taghtini lura d-deheb li Aloisia Mifsud Grech kienet poggietli gew [sic] safe."*[20]

In kontro-ezami spjegat li minn uliedha kienu biss Aloisia, Silvana u Joey li ma kienux qabblu li kellha tingieb Vicky mill-Amerika.[21] Flusha dejjem tpoggew il-bank anke fiz-zmien meta kien ghadu haj zewgha ghax il-pensjoni dejjem dahhlet il-bank. Kien Joey li infurmaha li permezz tal-prokura kienet qed tigi misruqa u dan meta mieghu kien hemm l-imputata.[22] Din id-dikjarazzjoni takkwista sinifikat aktar il-quddiem l-aktar peress li tolqot direttament il-kreddibilita` tax-xhud Joseph Mifsud meta dan jipprova jaghti l-impressjoni li kienet ommu li qalet li kienu qed jinsterqulha l-flus meta fir-rejalta` jidher li kien hu li beda jdahhlilha dak il-hsieb f'mohha *"U hi kienet warajh"*.[23]

Meta mbghad ircevew kommunikazzjoni mill-bank marret hi u Lilian u kien hemmhekk li ndunaw b'dak li kien qed issehh.[24] Dwar transazzjonijiet bankarji hi kategorika ***"Kollox hi kienet taghmel."*** **ghax**

---

[19] Fol.159
[20] Ibid.
[21] Fol.261
[22] Fol.262
[23] Ibid.
[24] Fol.262-263

**hi biss kellha prokura**. L-imputata kienet tghix ma ommha flimkien ma zewgha.[25]Kienet tlahhaq ma spejjez tal-hajja peress li kellha l-ghelieqi u kienet tghix mill-kera li kienet tidhol minnhom. **L-imputata kienet tixtri l-bzonnijiet u ghalhekk hi tatha l-bank card taghha izda fil-kors tat-twegiba taghha izzid b'mod mill-aktar genwin *"U hadet il-bonds u hadet kollox."*.[26]** Mistoqsija jekk it-tfal gewx mislufa flejjes tghid cjar u tond *"Jien? Le. dak kien siliflhom missierhom. Imma tawhom lura. Imma* ***hi mhux isselfet, hi serqet. ……Hi serqet hux."***

Anke din ic-cahda takkwista sinifikat meta Aloisia u Joseph (Joey) jaghtu x-xhieda taghhom u jigi manifest l-iskop li jixhdu li Carmen u Georgina kienu midjunin m'ommhom!

Meta sar maghruf li kien ser jghola is-servizz tal-bank biex tinzamm *safety deposit box*, kien gie deciz li zzommu Aloisia *"Ghax ahna smajna li ha joghla minn ikollu s-safe, d-deheb fis-safe u gibnih, gabitu u zammitu ghandha"*.[27] Meta ikkonfrontat lill-bintha dwar il-flus nieqsin din kienet ghada tghix maghha *"Xi tridha tghidlek? Ma' titkellem xejn. "Gibilna l-prokura, gibilna l-prokura," u ma' gabitha qatt.* ***Minn Jannar konna ilna nitolbuhielha l-prokura u ma' gabithiex****. Anke n-Nutara kienet qaltilha…. Ma' gabithiex."*[28] Id-deheb ingab mill-imputata biex sar elenku tieghu u regghet haditu *"4 snin u ghadha ma' gabitux….Ghada ma' gabet xejn, hlief dawn m' ghandix fuqi."*.[29] Maria Mifsud kkonfermat kommunikazzjoni mill-Malta Stock

[25] Fol.263
[26] Fol.264
[27] Fol.265
[28] Fol.266
[29] Fol.268

Exchange li fiha qed tigi mgharrfa li ma kienx hemm *securities* registrati f'isimha;[30] l-ittra datata it-8 ta' Mejju, 2015, intbghatet wara li l-Stock Exchange kienu gew notifikati bit-terminazzjoni tal-prokura f'isem Aloisia Mifsud.[31]

Jumejn wara, fl-10 ta' Mejju, 2015, jirrizulta li Aloisia tkecciet mid-dar.

**Lilian Fenech**, oht l-imputata, xehdet kif flimkien ma ommha u hutha saret prokura favur l-imputata sabiex tghinhom fil-gestjoni tal-flejjes u deheb t'ommha u dak li wirtet minghand missierhom. Saru jafu li ma kienx baqa' flus il-bank wara li ommhom riedet iggib lill-ohtom mill-Amerika *"ghal ewwel qabel kullhadd u mbghad ftit wara qaltilna li l-Mama` m' ghandhiex flus bizzejjed. U x' hin staqsejniha [lil Aloisia] kemm ghandha flus il-Bank, qaltilna hamest elef (5,000)."*[32] **Minn hemm ommha bdiet tissuspeta hazin fiha u talbitha il-prokura lura; dan kien lejn Jannar, 2015.** Aloisia izda *"Irrifjutat li tatihiela ghal hafna drabi, staqsiet ghaliha hafna drabi. Il-Mama`, mbghad talbitha d-dokumenti, credit cards u l-affarijiet kollha u Louise qaltilha: "Qabel nircievi l-karta mill-Qorti, mhux ser naghtihielkom." U ghadna minghajrhom. U mbghad qabdet l-Avukat biex tibghatilha ittra ufficjali minhabba l-prokura…. U morna ngibu l-istatements mill-Banek. …Irrizulta li kien hemm xi shares u bonds u sterling u dollari u affarijiet hemm gew kollha mwaqqfa u tefghathom fl-account tal-Mummy tal-BOV u mbghad gibdithom kollha cash. ….. Bonds u shares u affarijiet hekk kellha twenty one thousand, two hundred twenty nine (20,229). Sterling u dollar kellha four thousand, two*

---

[30] Fol.271
[31] **Dok.LF** a fol.287
[32] Fol.132 tax-xhieda.

*hundred thirty six (4,236). …. Ingibdu f' Marzu, twenty first (21/03). ….U Marzu twentysixth (26/03) tal-fifteen (15) ukoll. U kien hemm l-HSBC hamest elef (5,000) li ngibdu wkoll….. Irrizulta li l-pensjoni tal-Mama` kienet kwazi spiccatilha kollha. Il-Mama` qatt ma' uzat il-flus tal-pensjoni taghha ghax dik ghandha kiri tal-garaxxijiet u kienet tghix bihom. U f' dawn l-istatements indunajna li kienet tigbed ammont sostanzjali ta' flus fix-xahar, plus hekk kienet tuza l-credit card taghha biex tixtri affarijiet personali ghaliha. Tax-xaghar, taz-zebgha, hwejjeg, affarijiet hekk…. Ahna minghalina li kien hemm safe deposit box f' isem il-Mama', bid-deheb tal-Mama` taghna, meta kellna l-prokura, morna niccekkjaw u qalulna li s-safe deposit box, qatt ma' kienet f' isem il-Mama`. Sadanitant, sa dak iz-zmien il-Bank kien qieghed jibghat karti li s-safe deposit box ser jinghalqu. Staqsiet ghalihom kemm il-darba biex tirritorna d-deheb u ghadha ma' rritornatux sa issa.".*[33]

Ikkonfermat l-elenku tad-dehebijiet li nkiteb mill-imputata fil-presenza taghha u ta' hutha, *"hija l-lista tad-deheb li konna ktibna. <u>Il-Mama` f' dan iz-zmienijiet ta' Jannar peress li diga kellha xi dubji fuqha, gghalitha biex iggib id-deheb mis-safe deposit box biex narawh u niddokumentawh x' inhu</u>. ….<u>Il-kitba hija ta' Aloisia Mifsud</u>, <u>kont qrajtilha l-affarijiet jiena, kull oggett, item, item x' inhu u ffirmata l-Mummy. Ommi</u>. U qaltilha biex l-ghada terga tirritornah fis-safe deposit box…. tlett kwarti minnu huwa deheb antik, wirtitu minghand ommha u minghand in-nanna tieghi, m' ghandniex [valur tieghu]."*[34]Riprodotta esebiet kopja tal-prokura li saret f'isimha li ggib id-data tat-<u>28 ta' Marzu, 2015</u>.[35] **Evidenza cjara li ommha ma kienitx ghadha tafda lil Aloisia bl-amministrazzjoni ta' hwejjigha.**

---

[33] Fol.133-135
[34] Fol.135-136; Vide dokument a fol.53
[35] Fol.171 et seq.

In kontro-ezami Lilian tispjega li saret taf bil-flus li naqsu wara li marret ma ommha l-HSBC biex tara x'kien fih l-account. Skoprew *"Li kellha l-kont tal-HSBC, minghalija kellha xi 5000 u ngibdu. Gibdithom Louise. …U mbghad sadanittant lahaq kelli l-prokura u morna l-BOV u gibna l-backdated ta' hames snin … gibna l-istatements ta' hames snin qabel."*. Sa dakinhar Aloisia kienet ghada tghix fid-dar t'ommha minfejn telqet f'Mother's Day tal-istess sena (2015) wara li rcevew ittra minghand il Malta Financial Services xi gimgha qabel li permezz taghha ommha giet infurmatha li l-*bonds* u *shares* fl-ammont ta' bejn €30,000-€40,000 fuq isimha kienu ingibdu.[36] Tispjega li hi flimkien ma hutha kienu gja bdew ma jafdawx lill-imputata wara li din kienet qaltilhom li ommhom kellha biss €5,000 fil-kont taghha: *"Ghax kien impossibli li daqshekk biss kellha".*[37]

Tirrakonta li dan sehh ghall-habta ta' Novembru, 2014.[38] Tispjega kif sehh id-dizgwid bejn l-ahwa wara li Victoria giet ghall-btala: *"Il-flus ma' kienux mill-Bank, il-Mummy kellha somma d-dar, ghalhekk imbghad lil Louise ghidtilha: "X' jigifieri nehdulha l-flus mill-Bank? Meta l-Mummy lili qaltli: Ghandi xi haga tal-flus u ntihilkom." U ahna qbilna bejnietna li minflok niehdu x-share taghna tal-flus, b' dawn il-flus ingibu lil Vicky bihom. Louise, Joey u Silvana, t-tlieta qablu, ghandi l-messaggi biex jghiduli 'iva.' …. Sakemm kien hawn ohti mbghad Louise bghatitilna messagg li l-Mama' trid tkellimna, nzilna konna d-dar u ghidna: "Hawn Ma' xi trid?" U l-Mama` qaltilna: "Xejn." U qabzet Louise u qaltilha: "Ghidilhom ghidilhom." U qabzet il-Mama u qaltilna: "Jiena kull m'*

[36] Fol.275-276
[37] Fol.277
[38] Fol.278

*ghidt lil Louise li bhal ma' Vicky hadet 5000, ha naghti 5000 lilkom kollha." U ahna bdejna nghidu: "Mela ahna tfal zghar, ghax taghti lil wahda, trid taghti lilna." U kien hemm Silvana u Joey u bdew jghidu: "No, ahna rridu x-share taghna." … U dak il-hin hija Martin qalilna: "Oqghodu hawnhekk, ha mmur ingib 5000 jiena." Mar id-dar tieghu, gab 5000 u minflok tahom lilhom, ix-share taghhom qallha: "Ha Ma." Daqs li kieku xtrajtu jiena l-passagg t' ohti." <u>U dawk il-5000 tal-HSBC li hadet, huwa dawn il-5000 li rega taha hija</u>. … U mbghad il-Mama` ghamlet in-nervi, sakemm kien hawn ohti ma' harget maghna mkien, intefghat fis-sodda u minn dak iz-zmien sal-Mother's Day kienet ghadha qatt ma' harget wahedha.".*[39] Jigi osservat li mal-HSBC ma gie depositat l-ebda ammont ta' €5,000 izda saru zewg depoziti ta' €1,650 u €3,300 fis-6 u fit-13 ta' Jannar, 2015, rispettivament.

Lilian Fenech tghid li sar rapport l-ghassa wara li kull sforz biex, bil-kelma t-tajba, l-imputata tirritorna d-deheb sfumaw fix-xejn. L-imputata telqet mid-dar fl-10 ta' Mejju, 2015, u kuntatt baqa' jsir bit-telephone jew permezz tal-avukati.[40] Tiftakar li l-elenku tad-deheb sar xi zmien lejn it-12 ta' Jannar, 2015, *"Biex niktbuh fuq il-karta ghax filli ma' baqghetx tafdaha biex ikollna kopja ta' x' hemm u x' hemmx deheb… Ghax **il-Mummy qatt ma' zammitu d-dar. Regghat qaltilha biex terga tmur tiehdu fis-safe deposit box…. meta nqalghu dawn l-affarijiet sirna nafu li jew nehhietu minn fuq il-Mama' jew qatt ma' kien fuq il-Mama` s-safe deposit box, ma' nafux."**.*[41]

---

[39] Fol.281-282
[40] Fol.283
[41] Fol.285

**Georgina Borg** kkonfermat l-istess fatti u cioe` kif ommha tat prokura lill-ohta biex tohdilha hsieb il-flus u meta nqala' dizgwid bejn l-ahwa dwar jekk ommha kellhiex igib lill-Vicky mill-Amerika, ommha kienet talbet lura lill-imputata l-prokura izda din irrifjutat li tirritornaha tant li kellhom iqabbdu avukat biex din titwaqqaf.[42] Kienet Lilian li marret ma ommha l-bank fejn sabu li kienu ghosfru l-flejjes.[43] Lilian wrietha l-*bank statements* u kien anke rrizultalhom li *bonds* u *shares* ta' missierhom kienu ittiehdu mill-imputata.[44] Ix-xhud ikkonfermat il-*bank statements* li Lilian kienet gabet minghand il-banek, u senjatament fejn jidhru l-istess *bonds* u *shares* li kien gharrafhom bihom missierhom.[45]Ikkonfermat ukoll l-elenku tad-deheb li baqa' ghand l-imputata minkejja li giet mitluba tirritornah ***"Baqghet ma' tathuliex. Talbitulha kemm il-darba, ghax kien fuq isimha u ma' tathuliex****….. Ghamilniha u kienet hi prezenti…. U ohti Louise, ehe."*.[46] In kontro-ezami kkonfermat kif hutha Joey, Silvana u l-imputata ma hassewx li kien sew li ommhom thallas ghall-biljetti tas-safar ta' ohthom, zewgha u binha. Dwar id-deheb mizmum mill-imputata ***"talbitulha l-Mummy, qaltilha: "Mur gib id-deheb halli nara x' hemm u niktbu kollox…. Gabitu, ktibna kollox, haditu u ghadu ma' giex.";*** dan kollu sehh fil-presenza taghha. Izzid li kienet l-imputata li kienet theggeg lill-ommha biex ma thallix dehebijiet id-dar ma jmurx jinsteraq u ghalhekk ommha qaltilha biex tiehdu l-bank. Mistoqsija ghaliex l-imputata regghet inghatat l-inkarigu izzomm id-deheb galadarba ma kienitx fdata, issostni li kienet ommha li qaltilha *"huduli l-bank"* u kien minn hemm li beda l-

[42] Fol.143-144
[43] Fol.144-145
[44] Fol.146
[45] Fol.148-149
[46] Fol.150

inkwiet mal-imputata.[47] Ommha bdiet tistaqsi lill-imputata ghall-prokuri minn Jannar quddiemha:*"Iva ghax kumbinazzjoni konna hemm u qaltilha: "Gibli l-prokura." U qaltilha: "La ghandni ma' rcevejt xejn, ma' ngiblek xejn." U ghadhom sal-lum qatt ma' gabet xejn….. konna hemm u qaltilha. Qaltilha: "Gibli l-prokura, ghax mhux qieghda nafdak."…. U ghadha sal-lum ma' gabithomx….. Jiena mbghad mort m' ohti ghand in-Nutar, biex inwaqqfulha l-prokura. U mbghad qaltilha: "Issa ninghatilha ittra." U mbghad meta rgajna ghidna lil ohti [Lilian], biex lill-Mummy ggibhielha l-prokura, …**Il-Mummy qalet lil Louise biex terga ggibhielha l-prokura u qaltilha: "Jiena la ghadni ma' rcevejt xejn, mhu ha ngib xejn."**"*[48]

**Martin Mifsud** ukoll jikkonferma l-istess fatti kif spjegati minn ommu w hutu Lilian u Georgina. Xehed kif kien ikun prezenti meta bejn l-2014 u l-2015 ommu qalet lil Aloisia biex ma tuzax il-prokura izjed.[49] *"Kemm il-darba kont hemm, kemm il-darba tant hu hekk li kellna meeting darba u bdiet tghidilha li flusi u ma nistax nuzhom kif irrid ghax hi trid iggib lill ohti mill-Amerika…. Ommi ghax hi [Aloisia] bdiet izzommilha…Min dak inhar bdiet tghidilha ha nnehhilek kollox tuzax izjed u nehhitielha insomma bil-fomm nehhitilha kemm il-darba imbaghad kellna nifthuha l-Qorti bil-pulzija morna naghmlu rapport imsomma u ma riditx ittihila lura qabel ohti tircievi bil-Qorti."*. Xi zmien wara ommu tat prokura lill-ohtu Lilian li hadet rendikont ta' x'kien hemm flejjes.[50] Semma' wkoll kif gheb anke id-deheb t'ommu li kienet talbet lill-imputata sabiex igibu lura *"Id-deheb suppost kellu jkun go safe fuq isem il-mummy u qatt ma kien skoprejna wara …..[talbitu lil Aloisia*

---

[47] Fol.289-290
[48] Fol.292-294
[49] Fol.225
[50] Fol.226

*itihulha lura] kemm il-darba lanqas naf kemm il-attivita' kellna minghajr deheb kienet tigi miskina"*[51]. Ir-risposta tal-imputata lil ommu kienet tkun *"issa meta jfettilli jew meta nkun komda jew hekk, li jigi ghal go halqha dak il-hin."*.[52] Rega' gie esebit, din id-darba minn l-istess xhud Martin, *bank statement* tal-BOV li juri l- *withdrawals* li gja saret riferenza ampja ghalihom.[53] In kontro-ezami jghid li l-lista tad-dehebijiet kienet urietilu ommu. Jghid li ommu ma bdietx tafda lill-imputata minn mindu giet ohtu fi zmien il-Milied ta'erba' snin qabel u cioe` fl-2014.

| | |
|---|---|
| *Avukat:* | *U x' kienet ir-raguni li ommok ma' baqghetx tafda lil Louise?* |
| *Xhud:* | *Ghax il-Mummy riedet ittini xi haga tal-flus u jiena ghidtilha: "Ma' m' ghandniex bzonn flus ahna. Jekk ghandek xi xewqa li trid taghmilha, ahna ntuhielek lura." U fil-Milied qatt ma' giet ohti u qaltli: "Mela ngibuha?" U ghidtilha: "Mela ngibuha." Daqshekk. Issa meta ftehmna li ha ngibuha tlieta ma' qablux.* |
| *Avukat:* | *Min kienu t-tlieta?* |
| *Xhud:* | *<u>Louise, Silva u Joey ghax riedu l-flus</u>. U l-Mummy bdiet tghidilna: "Kemm tiehu Vicky, ha tiehdu intom." U mbghad irrangajna nsomma u ghamilna laqgha bejnietna l-ahwa l-ghalqa u ftehmna u qbilna u ghidtilhom* |
| *Avukat:* | *X' kontu ftehmtu?* |
| *Xhud:* | *Li ha ngibuha.* ***U ma' baqghetx tafdaha ghax Louise bdiet tghid li l-Mummy m' ghandhiex flus. U l-Mummy qalet: "Kif jista jkun, jien lanqas immissha l-pensjoni." Il-pensjoni kollha l-Bank tmur, kif jista jkun m' hemmx flus? Minn hemmhekk bdejna nissuspettaw hazin.*** |
| *Avukat:* | *Intom kontu tafu li kellha prokura Louise, le?* |
| *Xhud:* | *Iva, mela, mela. Hi biss.* |
| *Avukat:* | *Kontu tafu li Louise kienet tiehu hsieb kollox hi?* |
| *Xhud:* | *Iva, iva.* |
| *Avukat:* | *Bil-kunsens t' ommok?* |
| *Xhud:* | *Iva.* |
| *Avukat:* | *Issa inti meta sirt taf bil-flus neqsin mill-Bank?* |

[51] Ibid.
[52] Fol.228
[53] **Dok.MMZ** a fol. 230

*Xhud:* *Imbghad il-Mummy bdiet tghidilha biex ittiha l-prokura lura u mbghad qaltilha: "Qabel nircievi mill-Qorti mhux ser intihielek." Ftahna l-kawzi, u kumbinazzjoni rcevejna mill-MFSA, li ghall-laqgha ahna mhux ser inkunu prezenti ghax irtiraw il-flus, il-bonds u hekk. ghidtilha: "kif jista jkun?" Li anke l-bonds ingibdu illi kien hemm.*

*Qorti:* *Tiftakaraha dik l-ittra li rcevejtu? Rajtha int kont?*

*Xhud:* *Iva, iva.*

*Qorti:* *Ara jekk hux l-istess wahda, Dok LF?*

*Xhud:* *Iva rajtha ghax uriethieli ohti. ….. Meta rcevejna dawn, mhux jien imma ohti, imma bl-appogg tieghi voldieri ta. Ghamilna tal-Bank, x' jghidulha? Niccekkjaw il-flus il-Bank u kullhadd jghidilna: "Hawnhemm m' ghandkom xejn."* [54]

Martin itemm ix-xhieda tieghu billi jzid kif kien ikkonfronta lill-imputata *"Wara u ghidtilha: "Anke l-bonds hadtilha?" …Qaltli: "Ma' nafx, ma' nafx, ma' nafx." Daqshekk. "Ma' nafx, ma' nafx, ma' nafx."*[55]

L-imputata **Aloisia Mifsud Grech** ghazlet li tixhed u spjegat kif sal-2015 kienet tirrisjedi flimkien ma zewgha fid-dar t'ommha. Il-fatt li l-genituri taghha hallew id-dar lilha kien urta lill-ohta Lilian.[56] Tispjega fit-tul dak li kien sehh biex tingieb ohtha Vicky mill-Amerika. Issostni li ommha ma kienitx daqshekk entuzjasta bl-ideja u riedet tlaqqa' l-ahwa biex jiddiskutu l-pjan taghhom. Dawn ltaqaw anke fil-presenza ta' Vicky nhar il-5 ta' Jannar (2015) fejn l-omm insistiet li kif Vicky hadet €5,000 kienet ser taghti €5,000 lill-ahwa l-ohra minbarra lil Carmen u lil Georgina ghax kellhom dejn ma ommhom.

[54] Fol.299-301
[55] Fol.303
[56] Fol.311-312

Jitfakkar li zmien qabel fil-kors tax-xhieda minn taghha Maria Mifsud kienet cahdet kategorikament li kien hemm xi hadd minn uliedha midjun maghha u b'mod elokwenti ghall-ahhar tixhed dan: *"Jien? Le. dak kien silifhom missierhom. Imma tawhom lura.* ***Imma hi mhux isselfet, hi serqet. ……Hi serqet hux.".***[57]

Kompliet kif l-ahwa kollha ghajr ghaliha, Silvana u Joey ma riedux flus. L-ghada Martin taha lill-ommu €5,000 biex b'hekk gie hallas ghall-biljett ta' ohtu hu.[58] Baqa' jinqala d-dizgwid u hutha Georgina, Carmen u Lilian bdew jghidulha li jkeccuha mid-dar peress li ma kienitx darha izda ommha qaltilha li dik kienet darha u li ma kellhiex ghalfejn titlaq ghax kienet tiehu hsiebha. Dan kollu sehh fl-istess gimgha li ohta Vicky siefret lura f'Jannar, 2015.[59]

Huwa hawn fejn jibdew il-kontradizzjonijiet u inkonsistenzi fix-xhieda tal-imputata. Filwaqt li tghid li t-Tnejn filghodu cempel il-bieb tad-dar hekk kif kienet sejra ghax-xoghol, fl-istess nifs tghid li sabet lil huha Joey jghodd xi flus. Skond l-imputata dan ifisser li dlonk malli dahal huha mar jghodd il-flus; assersazzjoni li ftit taghmel sens!

Tkompli li ommha qaltilha li kien qed jiccekja l-flus li gab Martin u talbitha tmur taghmilhom il-bank go *fixed account* biex hadd ma jitlobha flus. Minkejja li kellha l-prokura l-bank infurmaha li ma setghetx taghmilhom go *fixed account* minghajr ma jkun hemm prezenti ommha u

---

[57] Fol.265-266
[58] Fol.314
[59] Fol.315

ghalhekk hallithom mal-HSBC. Ghalkemm **l-imputata tghid li dan sehh fit-13 ta' Jannar, 2015, l-*statement* tal-HSBC juri biss depozitu ta' €3,300 li sar fil-jum indikat u mhux €5,000.**[60] Depozitu precedenti kien sar fis-6 ta' Jannar, 2015 fl-ammont ta' €1,650.

Ghalhekk iqumu l-mistoqsijiet: kif qed tghid li ddepozitat €5,000? Jekk l-intenzjoni tal-omm kienet li taghti lill-ahwa €5,000 kull wiehed u Joe kien sahansitra quddiemha jghoddhom, ghaliex ma qabdietx u taghtu sehemu? Ghaliex Maria Mifsud ma ssemmi xejn dwar dan? Ghaliex Martin mar jaghti l-flus lura lill-ommu jekk fi kliem l-imputata *"Lilian marret thallashom"?*[61] Kif hallsithom Lilian jekk *"Vicky li ovvjament qatathom mill-Amerika"?*[62]

L-imputata tkompli tixhed li kien fi Frar meta ommha qaltilha iggib lura d-deheb li kellha go *safety deposit box* u tispjega li *"dejjem kien fuq ismi, qatt ma kien fuq isem ommi…kien jithallas mill-current account tieghi…Gibnih, ratu kollu, kkonfermat li kollox kien hemm, sa ktibnieh".*[63] Wara regghet haditu l-bank kif qaltilha ommha. Fil-bidu ta' Marzu ommha staqsietha dwar kawza li kienet wasslet biex tinqata' fuq propjeta` fejn il-Gvern kellu jaghtihom madwar €40,000 u fejn l-omm qaltilha li bil-flus li ser jidhlu taghtihom il-€5,000 li weghdithom. Kien ghad fadal xi ricerki qabel ma jasslu l-flejjes u ghalhekk talbitha tara xi flus kien hemm minn ta missierha li kienu gew trasferiti fuq ommha *"qaltli u mur gibli dawk il-five*

---
[60] **Dok.MM5** a fol.187
[61] Fol.314
[62] Ibid.
[63] Fol.317.

*thousand li poggejt l-HSBC qaltli ha nerga nitihom lil Martin".* Meta raw li kien hemm xi €26,000, €5,000 ghal hames ahwa *"qaltli mela gibhomli, qaltli u naghtihom dawk".*[64] Il-pjan kien li jitqassmu bejn dawk il-hamest ahwa li ma kellhomx dejn pendenti.

Il-Qorti temmen li l-allegazzjoni mill-imputata (rripetuta minn huha Joey) li Carmen u Georgina kellhom id-dejn ma ommhom, fatt gie kontradett mill-omm stess,_saret semplicement sabiex l-imputata (u huha Joey) jsahhu l-verzjoni taghhom li flus ingibdu bl-ezatt u cioe` biex jaghmlu tajjeb sabiex hamest ahwa jiehdu €5,000 kull wiehed. Kieku maghhom kellhom jizdiedu tnejn ohra l-ammont kien jizdied b'€10,000 ohra, meta il-flus fil-bank ma kienux ikopru l-ammont kollu! Kien ghalhekk li l-imputata qaltilhom li ma kienx hemm flus bizzejjed il-bank!!

Tkompli tixhed kif is-Sibt 14 ta' Marzu, 2015, gabitilha l-€5,000 mill-HSBC u fis-16 ta' Marzu, 2015, infurmat il-Bank Centrali li l-*stocks* u *l-bonds* riedu jinbieghu. Meta l-flus mill-bejgh dahhlu fil-kont u kienet fi triqitha lejn il-bank biex tigbidhom, ltaqghet ma huha Joey li mar maghha l-bank. Gabu l-flus u tawhom lill-ommha. Nhar l-24 ta' Marzu, 2015, tghid li gibditilha l-€4,236.30 izda l-*statement* jindika li dan ingibed fis-26 ta' Marzu, 2015.[65]

Pero` fi kliem l-imputata *"ircevejna l-ewwel pagament ta' 21,229.90"*[66] u dan meta skond il-verzjoni taghha kienet gja` hadet il-€5,000 mill-HSBC bl-intenzjoni li ttihom lil Martin. Ghalhekk altru` li €21,229.90 kien jissupera

---

[64] Fol.318
[65] Fol.183
[66] Fol.319

l-ammont ta' €20,000 li kien fadal jinqasam mal-4 ahwa galadarba Martin kien ser jiehu l-flus li ngiebdu mill-HSBC fl-14 ta' Marzu kif issostni l-imputata.

Ghalhekk xi bzonn kien hemm li tigbed ukoll il-€4,236.30?? Dan mhux xejn ghajr ezempju tad-diffikulta` riskontrata mill-imputata meta tigi biex taghti raguni ghall-ghemil taghha!

L-imputata tkompli li meta sfat mkeccija mid-dar, ideja li tghid ma kienitx ta' ommha, id-deheb intnesa *"li kieku kienet l-idea taghha li tkeccini mid-dar, kienet titlobuli u kont ingibulha ghax dak taghha, kont naghtihulha"*.[67]

Hawnhekk il-Qorti tara nuqqas ta' koerenza u konfuzjoni da parti tal-imputata. Galadarba ma kienitx ommha li keccietha mid-dar u skond hi zammitilha hwejjeg u oggetti li kienu jappartjenu lilha u lil zewgha,[68] ghaliex baqghet tinsisti ma taghtix id-deheb lura lil dik li lilha kien jappartjeni u li ma kellha x'taqsam xejn mad-decizjoni ta' tkeccija? Ghaliex kompliet ittertqilha qalba meta taf li hi kienet mara innocenti f'dan kollu u xtaqet tieghu lura hwejjigha? Minkejja li anke interpellata minn din l-istess Qorti sabiex tirritorna d-deheb lill-ommha, u dan salv kull pretensjoni li jista' ghandha, dan baqa' ma sarx ***"Ghax ghandi l-hwejjeg id-dar jiena"***[69], inkluz xi deheb li jappartjeni lilha u lil zewgha *"inkluz id-deheb li hallejt id-dar tieghi"*[70].

---

[67] Fol.322
[68] Fol.322
[69] Fol.323
[70] Fol.322

**Għall-ħwejjeġ izzomm dak id-deheb kollu?** X'zammha milli tiehu d-deheb li kien taghha meta vakat id-dar u marret tigbor hwejjigha nhar il-**11 ta' Mejju, 2015**?

Baqghet ma ngiebet l-ebda prova dwar il-valur tal-oggetti li tghid ghadhom mizmuma d-dar t'ommha u ghalhekk ftit tista' tinghata kreddibilita` li din hi l-veru raguni li kompliet ccahhad lil ommha minn dak li kien taghha bi dritt!! Kollox jindika li din hi skuza vvintata minnha bl-iskop li tiskolpa ruhha mill-akkuza addebitata lilha.

Ghalkemm tghid li ommha kellha *fixed account* iehor li kien fih mal-€14,000[71] lanqas dwar dan ma ngiebet xi prova, dejjem fuq bazi ta' probabilita`!

In kontro-ezami tichad li ommha kienet ilha minn Jannar titlobha lura d-deheb u l-prokuri.[72] **Ikkonfermat izda li fil-11 ta' Mejju, 2015, thalliet tidhol id-dar u hadet xi hwejjeg** *"ehe hadt xi ftit underwear u kalzetti"* izda d-deheb li fix-xhieda tghid li halliet id-dar meta inharget minnha fil-jum ta' qabel baqghet ma haditux: *"Id-deheb kont insejtu dakinhar, minn Mejju, mindu keccewni anke ommi insietu"!*[73] Iktar u iktar la kienet insietu u mhux gie mizmum arbitrarjament – kif qed taghmel hi – ma kellhiex ghaliex tohodha kontra ommha billi tibqa tinsisti li ma ttihuliex!! Mitluba tispjega ghaliex galadarba Martin kien irritorna il-€5,000 lura u b'hekk issa ommha ma kellhiex ghalfejn taghti l-istess ammont lill-ahwa l-ohra

---

[71] Fol.323
[72] Fol.327
[73] Fol.328

tonqos milli taghti spjegazzjoni li ghandha mis-sewwa u s-sens komun; tghid biss li kienet ommha li qaltilha taghmel dan:[74]

***Dr. A. Camilleri**: Mela ha nibdew pass pass, fil-bidu ghidt inti li l-hamest t'elef ta' Vicky tahomlha lura Martin, naqblu sa hemm?*
***A. Mifsud Grech**: Iva din diga ghidniha ezatt*
***Dr. A. Camilleri**: Allura ma kellhiex ghalfejn il-mama taghtikom lura hamest t'elef ux hekk?*
***A. Mifsud Grech**: Ezatt*
***Dr. A. Camilleri**: Spjegali ghalfejn issa qed tghid li dawk il-flus hrightom ghax il-mama riedet taghtikom hames t'elef kull wiehed?*
***A. Mifsud Grech**: Ghalhekk l-ewwel talbitni l-five thousand li qaltli biex immur inpoggi xahar u nofs ilu l-HSBC biex nohroghom u terga' taghtihom lura lil Martin ghax dawk tieghu, ghax gie li harighom hu ezatt il-flus imma hi peress li fil-5 ta' Jannar qaltilhom ha naghtikom xorta five thousand kull wiehed, riedet five thousand kull wiehed biex taghtihomlom.*
***Qorti**: U kemm gbidtilha b'kollox allura?*
***A. Mifsud Grech**: Gbidtilha dawk il-five thousand tal-HSBC ta' Martin, fit-21st March gbidtilha 21 thousand 229.20c u ftit minnhom inbieghu il-gimgha ta' wara, four thousand 236.30, kien fadal 800 minn dawn il-bonds u shares u qaltli, ghiditlha issa dawk ingibuhom aktar tard ghax ghadhom ma hargux ma nbieghux, filfatt wara indunajna li nbieghu f'daqqa.*
***Qorti**: Jigifieri int hadthom kollha ghand il-mama?*
***A. Mifsud Grech**: Iva ezattament*
***Qorti**: U x'ghamlet bihom?*
***A. Mifsud Grech**: Qalet li ser tqassamomna*
***Qorti**: Jigifieri int l-ahhar li rajthom, rajthom f'idejn il-mama?*
***A. Mifsud Grech**: Ezatt*
***Qorti**: U dak iz-zmien kont qed toqghod maghha?*
***A. Mifsud Grech**: Ezatt*
***Dr. A. Camilleri**: Ara naqblux li filfatt inti qatt ma tajthom lill-mama tieghek dawn il-flus u lanqas biss kienet taf li gbidthom inti dawn il-flus?*
***A. Mifsud Grech**: Le ma naqblux u kien hemm hija Joe xhud, kien hemm hija Joe mieghi, kemm meta qaltli biex nigbidhom u*
***Qorti**: U kemm meta tajthomlha?*
***A. Mifsud Grech**: U kemm meta tajthomlha, 21 thousand mhux il-four thousand, l-ewwel, it-21 thousand 229.30c."*[75]

[74] Fol.329
[75] Fol.330-332

Dwar kemm il-Qorti tista' tsitrieh fuq ix-xhieda korroborattiva ta' huha Joey jigi trattat ampjament aktar il-quddiem meta ser tigi kkunsidrata ix-xhieda tieghu.

Ghalkemm fl-ezami l-imputata tghid li d-decizjoni biex titlaq mid-dar kienet ta' hutha u mhux t'ommha in kontro-ezami taccettaha l-fatt li kienet omma li riedet li hi titlaq *"Iva kif mort id-dar filghaxija ma fethitx halqha, huti tkellmu ghaliha".*[76] Tichad li ommha keccietha ghax ma baqghetx tafdaha jew li ma ommha ma kienitx taf li gibdet il-flus. Meta ommha talbitha tigbed il-flus kif ukoll meta tathomlha maghha kien hemm huha Joey izda ghalkemm taf li tatha mal-€21,000, hi li kienet tghix maghha ghal l-fuq minn 53 sena, ma tafx fejn ghamlithom jew x'ghamlet bihom. Imbghad l-imputata tghaddi biex taghmel dikjarazzjoni li tfakkar lill-qorti f'dak li xehdu Maria Mifsud u bintha Lilian meta qalu li ma kellhiex bzonn tiehu mill-flus tal-pensjoni peress li kellha bosta kirjiet u kienet tfendi bihom *"ommi kellha ghaxar garaxxijiet x'tikri, ghaxar garaxxijiet tikri kull sena, il-flus kollha taghhom kienet thallihom id-dar".*[77] Kemm kienu veritjieri dawn iz-zewg xhieda meta qalu li bil-flus tal-kirjiet l-omm kienet tinqeda ghall-bzonnijiet taghha!!

Lejn l-ahhar tax-xhieda taghha terga' taghmel dikjarazzjoni ohra – li ghalkemm ma tincidix fuq il-mertu, bla dubbju tincidi fuq il-kreddibilita` taghha. Dan meta tigi kontradetta minn dokument li esebiet hi stess, is-sentenza fuq Rikors Guramentat Numru 431/2015/LSO.[78]

---

[76] Fol.329
[77] Fol.332
[78] **Dok.AMG** a fol. 336 et seq

Fil-fatt filwaqt li in kontro-ezami tkompli tmeri lill-avukat difensur li bdiet tithalla c-cavetta fil-bieb fuq in-naha ta' gewwa tieghu biex hi ma tithalliex tidhol mhux minn Frar izda minn April *"ic-cavetta bdiet issir f'April meta keccewni mid-dar……minn wara d-9 ta' April saret ic-cavetta",*[79] mis-sentenza esebita jirrizulta li fil-kors tal-kontro-ezami f'dawk il-proceduri civili tikkoncedi *"Meta bdiet tithalla c-cavetta fil-lock tal-bieb min-naha ta' gewwa kien* ***fi Frar 2015,*** *u damet hmistax sejra hekk, li jkollha thabbat biex tidhol"*[80] u *"kif diga ritenut l-atti, u cioe`, it-tqeghid taccavetta mas-serratura interna tal-bieb,…kien agir li kien ilu jsir* ***sa minn Frar 2015****".*[81]

Ghaliex taghmel hilitha mela biex tipprova tikkonvinci lil din il-qorti li f'April skontrat ostakoli fl-access u mhux fi Frar -kif effetivament jirrizulta li hu l-kaz – jekk mhux biex tkompli issahhah il-verzjoni taghha li fiz-zmien li ngibdu l-flejjes f'Marzu, 2015, kienet ghadha fdata minn ommha, meta fil-fatt il-provi jaghtu stampa diffirenti u cioe` li kien minn Jannar 2015 li tnissel suspett fl-operat taghha. Hu minnu dak li jixhdu l-kwerelanti li kienu ilhom li nfurmawha verbalment bit-terminazzjoni tal-prokura tant li lanqas id-dar ma rieduha tidhol meta trid, izda madanakollu xorta marret ghamlet id-diversi *withdrawals* f'Marzu, 2015 minn wara darhom!!

Dwar hwejjigha fl-istess sentenza taghmel riferenza ghall-fatt li *"Ikkonfermat li f'April 2015 kienet hadet u garret xi affarijiet taghha mill-*

---

[79] Fol.333
[80] Fol.346
[81] Fol.371 tergo

*kcina."*[82] X'waqqafha milli tiehu l-kumplament? Hadd ma zammha jew ostakolha tul iz=zmien kollu li kienet ghada hemm; wara kollox tkecciet ix-xahar ta' wara fl-10 ta' Mejju, 2015!

Ghalhekk altru li kienet inghatat zmien biex tigbor hwejjigha kieku riedet! Aktar il-quddiem f'dik is-sentenza gie kkunsidrat li mill-provi *"Aloisia dahlet dakinhar tal-11 ta' Mejju 2015 wahedha, mhux ma Alexander u damet fil-fond siegha jew siegha u nofs sabiex gabret hwejjigha…ghad hemm treadmill, u xi oggetti ohra appartenenti lil Aloisia fil-fond in kwistjoni."*[83]

Fid-dawl ta' din ix-xhieda minn taghha l-Qorti tistaqsi:

Ghaliex kellha titkecca mid-dar l-imputata jekk kull ma ghamlet kienet li segwiet l-istruzzjonijiet t'ommha? Kull ma ghamlet kien biex jigu agevolati hutha billi kienu ser jinghataw €5,000 kull wiehed? Ghaliex minkejja li tinsisti li ommha riedet itihom dawn il-flus u skond hi dawn ingibdu, l-omm baqghet ma tathom xejn kif jixhdu Joseph u Silvana li jghidu li baqaw ma raw l-ebda sold mill-flus li ngibdu mill-banek? Ghaliex stenniet li ommha kellha xorta itihom €5,000 meta Martin rritorna l-flus li thallsu ghall-biljett ta' Vicky biex ommu tigi ma hallset xejn u giet ripristinata s-sitwazzjoni?

**Il-verzjoni tal-imputata hi wahda nieqsa minn kull ombra ta' kreddibilita`, li m'ghandhiex mis-sewwa u ghalhekk id-diffikulta`**

---

[82] Fol.346
[83] Fol.368

**taghha li ssib spjegazzjoni plawzibbli sostnuta bi provi sal-grad tal-probabbli!**

L-imputata baqghet ma tat l-ebda spjegazzjoni fil-kors tax-xhieda taghha, kif minn flus ommha kienet thallas ghall-stabbilimenti tal-ikel, hwienet varji u sahansitra lukanda. Dan meta hi ma kienitx l-uniku wild u ghalhekk qatt ma wriet li ommha kellha ghaliex itiha *carte blanche* biex tberbaq flusha kif dehrilha ghad-detriment ta' hutha l-ohra!

L-imputata ma ressqet lanqas ombra ta' prova biex turi li l-hlasijiet minn fuq il-kont t'ommha saru bil-bendizzjoni u l-awtorizazzjoni t'ommha! Jigi mfakkar dak li xehdet ommha: ***"Kienet tigbed hafna ammonti fix-xahar li ma kontx nuzahom jien u fil-fatt kienet tigbed iktar milli kienet tidholli pensjoni. Kienet tixtri affarijiet ghaliha mill-kont bankarju tieghi. Dawn il-flus Aloisia Mifsud Grech gibdithom minghajr il-permess tieghi u dan ghax abbuzat mill-prokura li kont tajtha biex tamminstrali l-beni tieghi."***[84]

Filwaqt li l-imputata xehdet li ddepozitat il-flus moghtija lura lill-ommha minn Martin, il-*bank statement* tal-HSBC ma juri li sar l-ebda depozitu ta' €5,000 la fiz-zmien indikat minnha u lanqas wara![85] Iz-zmien li tpoggiet ic-cavetta fis-serratura jaqbel u jikkoincidi propju mat-*timeline* indikat mill-kwerelanti u cioe` fi **Frar, 2015**, meta gja` kienu bdew jinbtu s-suspetti fiha tant li Lilian, Maria u Georgina lkoll jsemmu kif bdew jitolbuha taghti lura l-prokura sa minn Jannar 2015: ***"Minn Jannar konna ilna***

[84] Fol.159
[85] Vide xhieda tal-imputata a fol.315 kif konfrontata bl-istatement tal-HSBC a fol.187

***nitolbuhielha l-prokura u ma' gabithiex***. *Anke n-Nutara kienet qaltilha.... Ma' gabithiex."; "*[86] ***"F' Jannar***. *... konna hemm u qaltilha: "Gibli l-prokura." U qaltilha: "La ghandni ma' rcevejt xejn, ma' ngiblek xejn." U ghadhom sal-lum qatt ma' gabet xejn."*[87]Dan jigi kkoroborat minn dak li jinsab fis-sentenza li esebiet[88] l-imputata stess peress li jirrizulta li ghalet affidavit li fih kien f'xi zmien wara l-20 ta' Jannar, 2015 li hutha *"bdew jinsistu li titnehha l-prokura minn fuqha"* tant li *"**fit-8 t'April, 2015**, irceviet ittra fejn Mary Mifsud riedet li l-imputata u zewgha jhallu r-residenza fi zmien hmistax".*[89]

**Joseph Mifsud** kkonferma li kien mar m'ohtu sabiex jingibdu l-flus. Issemi fatti li Maria Mifsud eskludiethom u cioe` meta jixhed li l-glied kien inqala wara li hutu *"kienu hadulha xi flus lil ommi diga minn gol-kexxun jew tathomlhom, hafna tahwid.... tal-bidu kienet tathom xi flus, talbuha xi flus huti u tathomlhom"*. Kienet l-imputata li qaltlu li ommu kienet qed tigi sfurzata tohrog €5,000 biex tingieb ohtu mill-Amerika.[90] Jghid li kien imur jara l-ommu kuljum filghaxija[91] ghalkemm fil-kontro-ezami jammetti li ma kienx il-kaz anzi li rari kien imur minhabba n-natura tax-xoghol tieghu kif jammetti wkoll li wara li sar pensjonant xorta ma tantx kien jersaq lejn id-dar t'ommu minkejja li kien jghix vicin taghha.[92]

[86] Fol.266 -Maria Mifsud
[87] Fol.292- Georgina Borg
[88] **Dok.AMG** a fol. 336 et seq
[89] Fol.344
[90] Fol.377
[91] Fol.378
[92] Fol.383-384

Dan qed jigi sottolinejat minhabba kwistjoni ta' kredibilita` fejn ix-xhieda tieghu li hi  mqanzha u konvoluta ghall-ahhar ma tantx toffri serhan il-mohh ghall-qorti sabiex din tikkunsidraha bhala veritjiera.

Jixhed dwar fatti li certament huma kontrastati bil-qawwi mix-xhieda t'ommu:

*"**Joseph Mifsud**: …ommi  ma kienetx kuntenta li hadulha l-flus jew ejja nghidu hekk  tathomlhom kontra qalbha ghax ommi hin minnhom tghidli haduhomli u hin minnhom bdiet tghidli li tathomlhom….*
***Qorti:** Mela hin minnhom bdiet tghidlek li haduhomlha u hin minnhom tathomlhom*
***Joseph Mifsud**: Eh tathomlhom. Issa x'hin iltqajna d-dar kien hemm hafna argumenti u anke glied, Martin, hija wiehed mill-ahwa mar igibhom, dak il-hin, fid-disgha ta' filghaxija, ma nafx minn fejn gabhom jien, qalilha ha issa nohroghom jien. …Meta tahomlha ma kont hemm jien, tlajt l-ghada filghodu, qatt ma tlajt filghodu, ghidtilha x'gara ma? Gabhom? Qaltli iva, ha ghoddhomli, ara gabliex sewwa u kien hemm sewwa?*
***Dr. M. Simiana**: Kemm kien hemm?*
***Joseph Mifsud**: Hamest elef.*
***Dr. M. Simiana**: Imbaghad?*
***Joseph Mifsud**: Imbaghad gara u bqajt nitla' jien kuljum kull filghaxija, dakinhar mort filghodu x'hin mort ghoddejtilha u qaltli li qeghda arrestata go dari, ma nista nafda xejn ghax kien hemm xi tfal qed jehdulha xi flus, wiehed jaghjtilha minn gol-kcina u l-iehor imur fil-kamra tas-sodda iqelbilha, kif qaltli hi dejjem.*
***Qorti:** U xi tfal huma dawn Sinjur? Tieghek?*
***Joseph Mifsud**: Le, it-tfal ta' Lilian li rabbiet Lilian.*
***Qorti:** U ma ghamiltux rapport lill-Pulizija li qed jinsterqu xi flus?*
***Joseph Mifsud**: Jien ma ghamiltx rapport ux. Jien ghidt lil Sylvana, lil Louisem, qaltli iva, qaltli xebet tghidli.*
***Qorti:** Jigifieri miskina tafu li qeghda f'dan l-istat, mara vulnerabbli, ma taghmlux rapport li qed tigi misruqa?*
***Joseph Mifsud**: Gabuha cippitatu lil ommi*
***Qorti:** Pero' meta kienet tghidlek li haduhomli*
***Joseph Mifsud**: Gabuha daqqa tghid hekk u daqqa tghid hekk".*[93].

[93] Fol.379-380

Izda ommu xehdet il-kuntrarju u cioe` li kien Joey innifsu li semmielha dan u hi merrietu:

*"Avukat:* *Inti ghidtilna illi sirt taf illi ttiehdu l-flus mill-Bank. Ingibdu l-flus mill-Bank. Min qallek li ttiehdu l-flus?*
*Xhud:* *Le, giet id-dar, hi u huha.*
*Qorti:* *Giet l-imputata d-dar, hi u huha, liema huha? Joey?*
*Xhud:* *Joey eh. Qalli: "Minn hawn qed jinsterqu l-flus." Ghidtlu: "Qed jinsterqu l-flus? Jien ma' sibt xejn imqalleb."*
*Qorti:* *Jigifieri Joey qallek li qed jinsterqu l-flus.*
*Xhud:* *Bil-prokura.*
*Pros:* *Joey qallha: "Minn hawn qed jinsterqu l-flus."*
*Xhud:* *U hi kienet warajh. U ghidtlu: "M' ghandi xejn imqalleb hawn." Fil-kamra tieghi tas-sodda".*[94]

Joey irid jigi emnut li fejn dejjem kien imur ghand ommu filghaxija, b'kumbinazzjoni mar darba filghodu propju meta ommu kienet inghatat €5,000 u kien hu li ghena tghoddhom. Il-qorti temmen li dan qed jinghad biex jipprova jaghti korroborazzjoni lix-xhieda tal-imputata li kien dakinhar meta qaltilha tmur iggib il-flus kollha mill-bank.

Izda anke f'din is-silta qasira tax-xhieda tieghu tinstab kontradizzjoni. Ghall-ewwel jghid li kien prezenti meta huh *"Martin, hija wiehed mill-ahwa mar igibhom, dak il-hin, fid-disgha ta' filghaxija, ma nafx minn fejn gabhom jien, qalilha ha issa nohroghom jien."*[95] izda jkompli fl-istess nifs *"Meta tahomlha ma kont hemm jien".*[96] Mistoqsi ghaliex la darba Martin tahomla lura kien fadal il-htiega li anke huma jinghataw €5,000 kull wiehed isostni: *"Qaltli rrid ingibhom, ghidtilha x'ser taghmel bihom ma biex iggibhom, ghidtilha x'ser*

[94] Fol.262
[95] Fol.379
[96] Ibid.

*taghmel bihom, x'ser taghmel, qaltli nonfoqhom, insifirhom, qaltli u li jibqa' inqassamhomkom.* ***Ma hadtx penny jiena ghadni minnhom dawk****….. qaltli rrid ingibhom Joe, qaltli rrid ingibhom, qaltli diga ghidtilha lil ohtok li rrid ingibhom,… Jien meta mort ma' Sylvana ghax imbaghad riedet iggibhom bilfors u Louise qaltli ejja mieghi, qaltli mhux ser ingib, xi erbghin elf kienu, lanqas naf kemm kienu.".*

Dan ifisser li ghalkemm gabuhom dawn il-flus hu baqa' ma rceviex sehmu hekk kif kien mwieghed. Fatt li tikkonfermah ohtu Silvana *"mentri ghadna ma hadna xejn…… Heq imma mbaghad ma nafx x'gara, lilna qatt ma tathomna xorta, lilna qatt ma tathomna*[97]*…. ahna qatt ma hadna xejn.";*[98] **indikazzjoni cjara li l-flus qatt ma kienu ntizi li jinhargu mill-bank biex jithallsu l-ulied**!!.[99]

Ikompli johrog kemm ix-xhud qed ikun inveritjier, fejn l-ghan tieghu hu biss li jghin lill-ohtu Aloisia u mhux li jixhed il-veru, hekk kif isemmi li kienet ohtu li qaltlu li kienet sejra iggib €40,000, meta Aloisia semmiet li kienet marret tigbed €21,000 biss: *"ircevejna l-ewwel pagament ta' 21,229.90, ghidilha issia mmurlek is-sibt….Jiena u niezla ergajt iltqajt ma hija…ghidtlu mela imxi mieghi"*[100]!! Ix-xhud issib diffikulta` wkoll jispjega minn fejn ingibdu l-flus li skond hu ingibdu l-€40,000 f'daqqa; fatt kontradett b'mod assolut mill-provi minn fejn jirrizulta li kien bejn l-14 u s-26 ta' Marzu, li b'kollox ingibdu €30,466.25. Lanqas l-ammont li suppost kien prezenti meta ingibdu ma jiccomba tant hu herqan biex iqarraq:

97 Fol.390-391
98 Fol.393
99 Fol.390
100 Fol.319

*"**Joseph Mifsud**: Jien meta mort ma' Sylvana ghax imbaghad riedet iggibhom bilfors u Louise qaltli ejja mieghi, qaltli mhux ser ingib, **xi erbghin elf kienu**, lanqas naf kemm kienu.*
***Qorti:** Minn fejn kellha iggibhom dawn?*
***Joseph Mifsud**: Mill-banek, il-Belt mort il-bank maghha jien.*
***Qorti:** Jigifieri talbitkom tohorgulha l-flus mill-bank?*
***Joseph Mifsud**: Ehe.*
***Dr. M. Simiana**: Jekk ma riditx tatihomkom, x'kienet ser taghmel bihom, tehodhom mill-bank?*
***Joseph Mifsud**: Jien dik li bdejt nghidilha lil ommi, x'ser taghmel bihom ma, x'ser taghmel bihom ma?*
***Qorti: Imma tajthomlha imbaghad?***
***Joseph Mifsud: Mela tajtnihomlha**, **imbaghad gbarnihom**, morta ma' wahda minn huti jien.*
***Dr. M. Simiana**: Ma' liema wahda?*
***Joseph Mifsud**: Ma' Louise.*
***Qorti:** Mal-imputata.*
***Joseph Mifsud**: Mall-mputata, ma nafx x'ghidulha, ma' Louise.*
***Qorti:** Ma' Louise mortu u tajtuhomlha l-ommok?*
***Dr. A. Camilleri**: Mela bqajt sejjer id-dar maghha u tajnihomlha, ghidtilha dawn x'ser taghmel bihom, qaltli tindahhalliex.*
***Dr. M. Simiana**: Ghaliex mort maghha?*
***Dr. A. Camilleri**: Ghax kien hemm ammont kbir, qaltli jien mhux ser immur wahdi Louise il-bank*
***Qorti**: Minn x'hin gbituhom, uzajtu xi haga?*
***Joseph Mifsud**: X'uzajnha? Xi credit cards jew hekk?*
***Qorti:** Kif tawhomkom?*
***Dr. M. Simiana**: Ghand min mortu biex jigifieri mortu gbidtuhom mill-magna, x'ghamiltu?*
***Joseph Mifsud**: Le, le l-bank morna, l-bank il-Belt, jidhirli il-bank il-Belt.*
***Dr. M. Simiana**: Liema wiehed il-bank, tiftakar liema wiehed?*
***Joseph Mifsud**: Minghalija dan tal-Belt hawn.*
***Dr. M. Simiana**: Imma fejn qieghed?*
***Joseph Mifsud**: Strada Rjali.*
***Qorti**: Strada Rjali mhux Strada Merkanti?*
***Joseph Mifsud**: Jew Strada Merkanti.*
***Qorti**: Jekk mhux hmar, felu.*
***Joseph Mifsud**: **Fejn il-kazin tal-Labour nghidlu jien.***
***Qorti**: Strada Merkanti, l-BOV, sorry Strada Rjali*
***Dr. M. Simiana**: Strada Rjali fejn hemm il-kazin tal-Labour.*

***Joseph Mifsud**: **Strada Rjali fejn hemm il-kazin tal-Labour, jien Strada Rjali ghidt l-ewwel."*** [101]

Issa mix-xhieda ta' Joanna Bartolo jirrizulta li l-*withdrawals* ma sarux mill-Belt u lanqas mill-vicinanzi tieghu izda saru f'zewg okkazzjonijiet mill-fergha tal-Fleur -de-Lys: " ***Il-withdrawals ghandi kopja taghhom. Saru fil-fergha ta' Fleur-De-Lys, ovvjament fid-data li hemm imsemmija fl-istatement. ….".*** [102] Il-*withdrawal slips* jikkonfermaw dan u jindikaw li saru f'zewg okkazzjonijiet fil-21 u fis-26 ta' Marzu, 2015 mill-istess fergha tal-Fleur de Lys f'ammont ta' ftit anqas minn €25,500.[103] Evidenza cjara li la mar ma ohtu jigbed il-flus u wisq anqas ma sema' lill-ommu taghtiha struzzjonijiet biex tigbidhom!

Ix-xhieda ta' Joseph Mifsud hi wahda ghal kollox fabbrikata intiza biss biex issir tentattiv li tigi kkoroborata l-verzjoni tal-imputata; tentattiv li falla bi kbir u li dwaru ser ikun hemm konsegwenzi!

**Silvana Pace** tixhed li wara li kien gie deciz li jithallas l-ammont ta' €5,000 ghall-passagg t'ohta, l-ahwa kellhom jinghataw l-istess ammont. Madanakollu **tinnega li ommha baghetet xi hadd il-bank biex igib flusha kif jixhdu Joey u l-imputata:**

*"**Sylvana Pace**: Nizel hamest elef, imbaghad ifhem, imbaghad ghamilna din il-laqgha, niftkar cemplitilna Louise, jew baghtitilna messagg u qaltilna il-mummy trid tlaqqana d-dar huti kollha ha tkellimna, u l-laqgha kienet li l-flus li ha tohrog ghal ohti Vicky ha tatihomna wiehed wiehed qalet*
***Dr. M. Simiana**: Jigifieri?*
***Sylvana Pace**: Ha tqassam*

---

[101] Fol.380-381
[102] Fol.93-95.
[103] **Dok.JB1** u **Dok.JB2** a fol.98-99

***Qorti:*** *Jigifieri daqs kemm harget ghal Vicky,*
***Sylvana Pace****: Ha tohrog ghalina*
***Qorti:*** *Hamest elef kull wiehed*
***Sylvana Pace****: Ehe, qalet, mentri ghadna ma hadna xejn.*
**Dr. M. Simiana***: Ommok din qalitha.*
***Sylvana Pace****: Ommi qalet hekk.*
***Qorti:*** *Inti kont hemm smajtha, bil-gurament tieghek, qalet mela dawk il-flus ha naghtihom lilkom.*
***Sylvana Pace****: Iva mela.*
***Qorti: Baghtet lil xi hadd igibhom?***
***Sylvana Pace****:* **Le** *imbaghad naf li gara xi haga li hija,…. Hija Martin qal ha mmur, ha ngibhom jien il-flus u naf li mar u gie u qalilna dawn il-flus*
**Dr. M. Simiana***: Jigifieri* ***ma baghtitx lil xi hadd imur il-bank igibhom il-flus?***
***Sylvana Pace****:* ***Le le le.***
***Qorti:*** *Ghax jien ghalhekk staqsejt meta baghtet lil xi hadd igibhom.*
***Sylvana Pace****:* ***Le.*** *…..*
***Sylvana Pace****: Heq imma mbaghad ma nafx x'gara, lilna qatt ma tathomna xorta, lilna qatt ma tathomna*[104]*…. ahna qatt ma hadna xejn.".*[105]

Dwar il-flus li jinghad ingiebu minn Martin, kuntrarjament ghal dak li xehed Joe - fejn jghid li gabhom l-ghada tant li kien mar u ghen lill-ommu tghoddhom ghax kien ghadu kemm tahomlha - tghid *"Martin mar igib il-flus mill-ghalqa zgur….. Hu qal hamest elef imma ahna ma qadniex nghodduhom, ma nafx, ma qadniex nghodduhom."* <u>Kien gabhom dakinhar stess u mhux l-ghada mela</u>

Tixhed li darba fost l-ohrajn ommha qaltilha li kienet ser iggib il-flus li kellha u tonfoqhom. [106] Dwar id-deheb tghid li ma tafx fejn qeghdin jew jekk kienutx haditu ommha.[107] In kontro-ezami tghid li ommha kienet ser

[104] Fol.389-391
[105] Fol.393
[106] Fol.393
[107] Fol.394

itihom il-flus mweghda u cioe` €5,000 kull wiehed **wara li tircevihom minn kawza li ntrebhet** *"Ha ggibhom minn, kellha xi kawza, rebhet xi ta' xi dar, qalet u meta nehodhom inqassmilkom hamest elef….[Minn flus kawza tal-Lands ux hekk?]… Ghandi jkun. Li kellha l-Laqxija"*[108]. Cahdet li kien hemm xi suspetti fl-imputata *"kulhadd safejn naf jien kien jafdaha lil Louise u kien jahlef fuqha wkoll."*.[109] Fi tmiem ix-xhieda taghha tikkonferma li ma kienitx taf x'uzu din kienet taghmel mill-*Caskhlink card* t'ommha.[110]

**Joanna Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta kkonfermat il-*bank statements* esebiti. Dawn jappartjenu *"statement tal-Bank of Valletta, fuq kont numru 40012567591 li jidher li jghajjat lil Mary Mifsud, li huwa statement ta' savings account."*[111] Dwar il-*withdrawals* tal-21 u tas-26 ta' Marzu, 2015, fl-ammonti ta' €21,229.95c u €4,236.30c rispettivament tixhed *"jiena ghandi kopji ta' dawn iz-zewg (2) withdrawals. Ghandi kopja ta' l-istatement mill-ewwel ta' Marzu u sal-wiehed u tletin ta' Marzu (01/03-31/03), jirriflettu dawn iz-zewg (2) withdrawals.* ***Il-withdrawals ghandi kopja taghhom. Saru fil-fergha ta' Fleur-De-Lys, ovvjament fid-data li hemm imsemmija fl-istatement. Hawn <u>firma ta' certu Louise Mifsud u hawn nota li saru permezz ta' prokura generali</u>, mahruga minn Dr. Marthese Felice****. …. naqra Louise Mifsud ghax tidher cara l-firma. ……Il-karta ta' l-identita' ta' Louise Mifsud,* ***303463(M).*** *………Il-withdrawals saru, l-code, li nuzaw ahna bhala Bank, hija 41700 li tirrifletti li saru migbudin* ***in kontanti, cash……*** *Mary Mifsud l-id number taghha hija 422534(M)."*[112] Il-*withdrawal slips*[113] li ssir riferenza

[108] Fol.396
[109] Fol.397
[110] Fol.398
[111] Fol.93
[112] Fol.93-95.
[113] **Dok.JB1 -JB2** a fol. 98-99

ghalihom gew esebiti flimkien mal-*statement* ghax-xahar ta' Marzu, 2015, ix-xahar li saru l-imsemmija *withdrawals* fl-ammont komplessiv ta' **€25,466.25.**[114]

**Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-HSBC Malta plc. kkonfermat li l-imputata *"kienet qed izomm safe deposit locker number 1314 f' Birkirkara Branch. Sa dak iz-zmien kien ghad ghandha safe deposit box"*.[115] Ikkonfermat ukoll l-*statement* tal-HSBC[116] esebit fil-kors tad-deposizzjoni ta' Maria Mifsud u l-*withdrawal* li sar fl-14 ta' Marzu, 2015, fl-ammont ta' €5,000.[117] Tixhed *"Il-kont numru 016115537050 nikkoregi ruhi li kien jghajjat lil Mrs. Mary Mifsud. … ghandi l-kopja tal-withdrawal voucher, jiena kont diga ghaddejt lil Ispettur, hemm firma b' id card number 303463(M), u hemm nota miktub "general power of attorney held in name of Mifusd Aloisia, id number 303463(M)….cash out"*.[118]

**Ghalhekk it-total ta' flus migbuda miz-zewg banek f'kontanti mill-imputata kien dak ta' €30,466.25.**

**Melissa Magro** in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange spjegat kif Anthony Mifsud, ir-ragel ta' Maria u missier l-imputata, *"kellu MSE account irregistrat maghna taht l-MSE 377015 l-investimenti llum il-gurnata ma baqa xejn fl-account. Wiehed mill-investimenti kien gie redeemed spicca fit-2004 filwaqt li l-investimenti kollha l-ohra li ghandu kollha gew trasferiti fuq*

[114] **Dok.JB3** a fol. 100
[115] Fol.110
[116] **Dok.MM5** a fol.187
[117] Fol.111
[118] Fol.111-112

*Miss Maria Mifsud MSE 9401261 l-id card taghha 422534. Dan between 2004 sa 2007. Gibt mieghi transaction history".*[119] [**Dok.MM** a fol.223].

**George Camilleri** mill-istess entita` finanzjarja jixhed li mir-ricerki li saru fuq Maria Mifsud *"Mir-ricerka hija ghandha kont li bhalissa prezentament jinsab vojt mall-Malta Stock Exchange imma hawnhekk hrigna wkoll history tat-transazzjonijiet li saru fil-kont taghha. ….. il-bonds u s-shares gew fil-kont taghha l-ewwel darba bhala mezz ta' wirt. Kien hemm minnhom transazzjonijiet fl-2015 fejn l-istocks inbieghu u l-istock broker dejjem kien Bank of Valletta u kien hemm erba' minnhom li gew redeemed jigifieri ghalaq il-maturita' taghhom u b'hekk suppost hadet il-flus lura s-Sinjura Maria Mifsud….. Ahna naraw it-trading biss, nirregistraw x'ikun qed isir. F'dak il-kaz ikunu jistghu jaghtu din l-informazzjoni kollha l-Bank of Valletta.".*[120] Id-dokument esebit mix-xhud juri kif fl-1 ta' Jannar, 2008, fil-*MSE Account ta' Maria Mfsud (ID 422534M)* kien hemm balance ta' €4,659 li gie trasferit b'zewg pagamenti ta' €1,164 u €3,495 fit-18 ta' Marzu, 2015, biex b'hekk ma kien fadal l-ebda bilanc fil-kont imsemmi.[121]

Riprodotta **Joanna Bartolo** taghti aktar informazzjoni, *inter alia*, dwar dawn it-transazzjonijiet: *"qed nara a fol 100 li huwa statement ta' Mary Mifsud, parti mill-istatement ta' Mary Mifsud, kont 40012567591, hemm transactions credit deposits dated 18th March 2015. Hemm wahda minnhom survivors pension tas-Central Bank, tidher il-pensjoni u mbghad hemm 4 wara xulxin, jidhru BOV stock broking Bank of Valletta plc, deposits. Ta' 4783. 77,*

[119] Fol.221
[120] Fol.235 et seq.
[121] Fol.239

*3550.50, 8902.0 1 u 3993. 67. Dawk jidhru huma xi sales li saru minn BOV bhala stock broker u l-cerdit taghhom dahlu fil-kont ta' Mary Mifsud. Insegwitu ghal dawk hemm withdrawal 21st March 2015, ta' 2129. 95 [recte: €21,229.95c[122]] li fil-fatt fl-ammont fuq li fuqha kont xehedt fil-1st July 2016. Wara dawk hemm credit payment ohra minghand il-Valletta fund management ta' 4236. 30, warajha ezatt hemm withdrawal ta' 4236. 30 li again kont xehedt fuq dik il-withdrawal per se fl-istess xhieda ta' July 2016. ….kif ukoll kont ghidt f' dik ix-xhieda tieghi, kienet gibdithom certu Louise Mifsud, it-tnejn li huma, iva, id 303463 (M). kif tidher cara l-firma fuq il-withdrawal form.".*[123]

Il-*Bank Statements*

Minn dawn l-*statements* li gew konfermati kif intqal, jirrizulta ghalhekk li kienu saru *withdrawals* minn Aloisia Mifsud permezz ta' prokura. Fil-fatt jirrizulta li fit-18 ta' Marzu, 2015, fil-kont *savings* mizmum f'isem Maria Mifsud mal-BOV kienu gew depozitati erba pagamenti minn BOV Stockbroking total ta' €21,229.95. Fl-istess kont fl-24 ta' Marzu, 2015, sar pagament minn Valletta Fund Management ta' €4,236.30. Jirrizulta ampjament ippruvat li **fil-21 ta' Marzu, 2015 ingibed l-ammont ezatt ta' dak li kien depozitat bil-pagament ta' BOV Stockbroking u cioe` €21,229.95** permezz ta' *"GPOA-Dr Marthese Felice 10"* u cioe` *'general power of attorney'*.[124] **L-ammont depozitat fuq pagament minn Valletta Fund Management similarment gie migbud sal-inqas centenzmu, u cioe`**

122 Vide xhieda a fol.93; **Dok.JB2** a fol.99 u **Dok.JB3** a fol.100
123 Fol.252
124 Fol.183

**€4,236.30, jumejn wara li sar dak il-pagament u cioe` fis-26 ta' Marzu, 2015**. Anke f'dan il-kaz il-*withdrawal* sar bl-istess mod *"GPOA Dr M Felice".*[125]

**Total ta' €25, 466.25 migbuda fi zmien 48 siegha!**

Iktar minn hekk l-istess *statements* juru li sa minn Jannar, 2010, kien hemm *withdrawals* regolari generalment mill-ATM li hemm fil-kumpless ta' Birkirkara Civic Centre ta' bejn €100 u €500.[126] Jidhru wkoll payments lil diversi entitajiet fosthom rstabbilimenti tal-ikel u xorb,[127] lukanda,[128] beauty salon[129]u negozji ohra (fosthom Miracle Foods, Smart Supermarket u LIDL).[130]

Mill-bank statement tal-HSBC jirrizulta li kien hemm *withdrawal* fl-14 ta' Marzu, 2015, ta' €5,000.[131]

**Dan kollu jixhed li bejn l-14 u s-26 ta' Marzu, 2015, *lump sum withdrawals* kienu fl-ammont ta' €30,466.25**

---

[125] Ibid.
[126] Vide fol.71 et seq.
[127] Fol.75, 93,97,99, 107,113, 119,123, 163, 169
[128] Fol.89
[129] Fol.151
[130] Fol.65, 87, 91,95,97, 101, 105,121, 123, 125, 127, 129, 133, 139, 145, 147, , 149, 153, 155, 157, 159,161, 167,163,171, 173, 177,
[131] **Dok.MM5** a fol.187

Il-Prokuri

Il-prokuri msemmija gew esebiti in atti.[132] Jirrizulta li l-ewwel wahda saret fl-10 ta' Gunju, 2003, u kienet prokura generali maghmula minn Maria Mifsud wahedha.[133]Ohra saret fit-23 ta' Marzu, 2004, minn Maria Mifsud w uliedha favur l-imputata wara l-mewt ta' Anthony Mifsud u kienet *"limitata ghal dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-wirt ta' Anthony Mifsud li miet fit-18 ta' Dicembru, 2003."*.[134]

Permezz t'ittra ufficjali tat-30 t'April, 2015, saret it-terminazzjoni tal-prokuri msemmija. Jirrizulta li l-imputata giet notifikata bl-istess nhar il-5 ta' Mejju, 2015, l-istess jum meta gew notifikati il-Bank of Valletta u l-HSBC.[135]

**In-Nutar Dr. Marthese Felice** kkonfermat il-prokura maghmula minn Maria Mifsud u uliedha favur tal-imputata[136] liema prokura *"hija limitata ghal dak kollu li ghandu x' jaqsam mal-wirt ta' Anthony Mifsud. Il-Papa` tas-Sinjura."*.[137] Il-prokura maghmula minn Maria Mifsud biss favur l-imputata fl-10 ta' Gunju, 2003, wkoll giet kkonfermata;[138] din kienet

---

132 **Dok.MM** a fol.47-49**; Dok.MM1** a fol. 50-52.

133 **Dok.MM1** a fol.50-52

134 **Dok.MM** a fol. 47-49. Transuntata fl-atti tan-Nutar Dr. Marthese Felice fit-30 ta' Settembru, 2004.

135 Fol.56

136 **Dok.MM** a fol.47-49

137 Fol.121

138 Fol.123; Vide **Dok. MM 1** a fol.50-52

wahda *"generali u m' hemm l-ebda limitazzjoni".*[139] Riprodotta kkonfermat li kienet il-prokura maghmula fl-2004 li hija transuntata fl-atti taghha.[140]

Konsiderazzjonijiet dwar il-Provi

Din il-Qorti hi konfrontata minn zewg verzjonijiet konfliggenti, li jinghad mill-ewwel, definittivament **ma jimmeritawx l-istess forza probatorja**.

Minn banda wahda hemm il-verzjoni tal-imputata li tinsisti li kienet ommha li talbitha ggib il-flus mill-bank u mill-banda l-ohra dik tax-xhieda l-ohra kollha li tikkontrasta bil-qawwa ma dik tal-imputata (ghajr ghal huha Joseph Mifsud, liema xhieda qed tigi skartata tenut kont li hi wahda msewsa b'gideb u hrejjef). Xhieda tal-kwerelanti ssib korroborazzjoni mill-provi dokumentarji esebiti, mill-buon sens u minn dak li ghandu mis-sewwa, fatturi nieqsin kompletament mix-xhieda tal-imputata u ta' huha Joseph. Sahansitra ohtha Silvana, li ttelghet bhala xhud in difeza, tghid li l-flus li kien mistenni li jigu mqassma lill-ahwa ma kienux dawk mizmuma l-bank izda kellhom jinghataw galadarba jircevuhom wara li ntrebhet kawza kontra l-Lands Department! Tichad li semmet l-ommha taghti struzzjonijiet biex jingibdu l-flejjes mizmuma l-bank.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ***Il-Pulizija vs Josaphat Fenech*** sar studju *funditus* dwar kif ghandha timxi l-Qorti f'kazijiet simili: **[141]**

---

[139] Fol.124
[140] Fol.240 et seq.
[141] Per Onor. Imħallef Edwina Grima; Deciza 31.11.2017

Illi f'dan l-isfond jinghad illi l-appellant m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli

x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Minn analizi ta' dawn l-atti processwali, studjati fl-assjem taghhom, din il-Qorti tqis li altru` l-proskuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest minnha.

Ix-xhieda skjaccanti tal-omm li minkejja l-eta` ferm avvanzata taghha baqghet lucida w elokwenti, fejn spikkaw il-wegghat taghha hekk kif tghid li ghalkemm lil bintha tatha l-*cashlink card* ghax kienet tafdaha, din spiccat ***"U hadet il-bonds u hadet kollox."*.**[142] Ma jaghmel ebda sens dak li tirrakonta l-imputata u cioe` anke meta Martin kien radd lura lill-ommu il-€5,000 din kellha ghalfejn tinsisti li l-hamest ahwa jiehdu €5,000 xorta wahda. Insensat l-argument.

Ix-xhieda tal-imputata hi wahda konvoluta, mqanzha u nieqsa mill-logika u s-sens komun tant li ghalkemm tibqa' issostni li l-flus ingibdu w nghataw l-ommha kif qaltilha taghmel biex tqassamhom mal-ahwa, la Joe u lanqas Silvana, li flimkien maghha kienu dawk li nsistew ghal sehemhom, baqaw ma hadu lanqas sold. Diga ntqal li lanqas ma kien minnu li Georgina u Carmen kellhom dejn ma ommhom tant li hi l-istess ommhom li tinnega dan bil-qawwa. Meta mistqosija jekk selfitx flus lill-

[142] Fol.264

ulieda twiegeb u tirrimarka dwar l-imputata b'mod spirtu pront: *"Jien? Le. dak kien silifhom missierhom. Imma tawhom lura.* ***Imma hi mhux isselfet, hi serqet. ... ...Hi serqet hux."***.[143]

L-imputata tonqos milli tipprova, dejjem sal-grad tal-probbabli, ghaliex ommha kellha, bi pregudizzju ta' hutha, thalliha tberbqilha l-pensjoni biex tippermetilha tghix minn fuq darha. Baqghet ma resqet lanqas l-icken prova **li t-transazzjonijiet li jidru fuq l-*statements*, kienu maghmulin bl-awtorizazzjoni jew taht struzzjonijiet t'ommha** li jigi mfakkar sahhqet li *"Kienet tigbed hafna ammonti fix-xahar li ma kontx nuzahom jien u fil-fatt kienet tigbed iktar milli kienet tidholli pensjoni. Kienet tixtri affarijiet ghaliha mill-kont bankarju tieghi.* ***Dawn il-flus Aloisia Mifsud Grech gibdithom minghajr il-permess tieghi u dan ghax abbuzat mill-prokura li kont tajtha biex tamminstrali l-beni tieghi."***[144]

Jigi sottolinejat il-fatt li ghall-finijiet tad-decizjoni taghha din il-Qorti qed tikkunsidra biss dawk it-transazzjonijiet li sehhew fl-ahhar tnax il-xahar tenut kont li l-akkuza tirreferi biss ghal *"F'Marzu, 2015, u fix-xhur ta' qabel"*. Ghalhekk ma testendix ghas-snin precedenti u dak li sehh qabel Marzu, 2014, u li hu muri fl-*statements* jservi limitatament biex juru l-kondotta u l-imgieba tal-imputata. Id-dritt tal-kwerelanti li jfittxu kumpens ghal dak soffert minnhom fis-snin precedenti ghal Marzu, 2014 se mai ghandu jigi ndirizzat fil-Qorti Civili idoneja.

---

143 Fol.265-266
144 Fol.159

Fil-parametri tal-akkuza kif migjuba jirrizulta manifestament ippruvat li l-imputata ghamlet *withdrawals* mill-kontijiet ta' Maria Mifsud mizmuma mal-HSBC u l-BOV. Jinkwadra ukoll fil-perjodu citat fl-akkuza z-zamma kontra rieda tal-omm, tad-deheb li wara kollox lilha kien jappartjeni, fejn sal-jum ta' din is-sentenza baqa' ma giex ritornat lilha. Gja ssemma' kif jirrizulta li minn Jannar-Frar, 2015 l-imputata ntweriet bic-cjar li ma baghetx fdata meta ma baqax ikollha access liberu ghall-fond fejn kienet qed tirrisjedi u fejn ghalhekk jaghmel sens u ghandu mis-sewwa dak li jixhdu l-kwerelanti li beda jintalab lura minn dak iz-zmien.

Gie ampjament ippruvat li l-imputata **ghamlet taghha dak li ma kienx jappartjeni lilha,** u cioe` il-flejjes u d-deheb t'ommha. Jidwu kliem l-omm anzjana***"jien ridt nidhol go home u ma' kellix imbghad.".***[145] filwaqt li dwar id-deheb tghid *"4 snin u ghadha ma' gabitux….Ghada ma' gabet xejn, hlief dawn m' ghandix fuqi."*.[146] Baqghet izzomm id-deheb ghandha u tirrifjuta li tirritornah ghalkemm mitluba taghmel dan. **Hi kellha d-dmir li tibqa' zzomm id-deheb limitatment <u>sakemm</u> mitluba tirritornah** izda meta giet hekk mitluba irrifjutat. Ir-riluttanza manifesta taghha biex tirritorna d-deheb li giet mitluba zzomm f'isem ommha (meta sar maghruf li kien ser jghola is-servizz tal-bank biex tinzamm *safety deposit box*)[147] jindika li hekk kif ghamlet taghha l-kont bankarju t'ommha billi bdiet tuza l-*cashlink card* u taghmel pagamenti bla razzan ghall-skopijiet personali, hekk kif ghamlet taghha l-*stock u* l-*bonds* t'ommha meta

[145] Fol.44
[146] Fol.268
[147] Fol.265 per Maria Mifsud:*"Ghax ahna smajna li ha joghla minn ikollu s-safe, d-deheb fis-safe u gibnih, gabitu u zammitu ghandha"*

arbitrarjament iddecidiet li tbieghom u gibdet l-flejjes provvenjenti mill-bejgh, ghamlet taghha anke d-deheb t'ommha.

Dwar it-tezi tad-difiza li l-imputata baqghet izzomm id-deheb biex tpatti ghall-fatt li meta tkecciet mid-dar kien ghad baqa' oggetti mobbli appartenenti lilha, gja ntwera li din it-tezi ma treggix –

i. Fl-ewwel lok jinghad li baqaw ma gewx identifikati x'inhuma dawn l-oggetti u lanqas il-valur komplessiv taghhom - li l-Qorti tifhem li ghandu jkun wiehed li hu vicin u mhux anqas tal-valur tad-deheb mizmum minnha;

ii. Kien fil-5 ta' Mejju, 2015,[148] li l-imputata giet notifikata bl-ittra ufficjali tat-30 t'April, 2015, li permezz taghha l-prokuri gew terminati ufficjalment u formalment b'effett immedjat.[149] Hamest ijiem qabel ma tkecciet mid-dar u ghalhekk qatt ma tista' titwemmen dwar dak li tghid kien il-movent taghha!

iii. F'dik l-ittra giet interpellata sabiex *"tirritora lura kwalunkwe dokumenti appartenenti lilha, kwalunkwe credit cards appartenenti lill-mittenti u kwalunkwe oggett iehor appartenenti lill-mittenti".* Dan peress li fi kliem ommha Maria Mifsud *"**Minn Jannar konna ilna nitolbuhielha l-prokura u ma' gabithiex**. Anke n-Nutara kienet qaltilha…. Ma' gabithiex."*[150]

iv. Fit-8 ta' April 2015 hi u zewgha rcevew ittra bl-avukat li tghid li "Mary Mifsud riedet li jitilqu mid-dar fi zmien hmistax", u dan

[148] Fol.56
[149] Dok.MM3 a fol.54-58
[150] Fol.266

skond l-affidavit taghha prezentat fil-proceduri civili istitwiti fil-konfront ta' ommha u hutha Lilian, Carmen, Georgina u Martin.[151]

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Eileen Said**:[152]

> Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li:-
>
> "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages. ...." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II)
>
> Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et.** " (App.Krim. 14.10.1944, Vol.XXXII - IV, p.768) u dawn jinkludu :-
>
> a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna.
> b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
> c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
> d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.
>
> Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.
>
> **Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga** ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850:-
>
> "L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale .
> [emfazi tal-Qorti]

---

[151] Fol.344
[152] Onor Imhallef Dr Joseph Galea Debono; Dec.19.06.2002; App. Nru.37/2002 JGD.

Fil-kaz in dezamina li d-deheb kien ilu snin mizmum f'isem l-imputata w ghalhekk it-tezi tad-difiza, li l-ghemil tal-imputata jinkwadra fir-reat ta' raggion fattasi u mhux f'dak t'approprijazzjoni indebita, ma tistax issib akkoljiment.

Ir-reat ta' Approprijazzjoni Indebita

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** l-Qorti bdiet biex taghmel distinzjoni bejn ir-reat ta' serq, ta' frodi u dik tal-approprijazzjoni indebita, bl-ahhar reat ikun dak addebitat lill-imputata:[153]

> Dan ir-reat ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.

Kompliet biex telenka l-elementi ta' dan ir-reat:

> Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Avukat Dr. Siegfried Borg Cole LL.D.,** meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li: [154]

> Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita[155], fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan

---

[153] Deciza 09.06.1998. Ara wkoll **il-Pulizija vs Keith Arthur Mayho** deciza fl-4 ta' Frar 2013

[154] Deciza 23 ta' Dicembru, 2003; Appell Nru.21/2003 per S.T.O. Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano

[155] "Trattandosi di somme di denaro," jispjega **Luigi Majno**, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata *restituzione* – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata

il-kaz ma kienx hemm id-*dolo* rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profit minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (*op. cit.supra*):

**Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dole*.**[156]

Illi r-riferenza minn dik il-Qorti ghall-awtur **Majno** tassumi rilevanza tenut kont tal-fatt li:

Majno kien qiegħed jikkummenta fuq ir-reat ta' approprjazzjoni indebita kif definit fl-artikolu 417 tal-Kodiċi Penali Taljan tal-1889 (Codice Zanardelli) li jikkorrispondi mal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali tagħna. Awturi oħrajn, bħal Antolisei u Manzini, jikkumentaw dwar ir-reat kif definit fil-Kodiċi Penali Taljan tal-1930 (Codice Rocco) liema definizzjoni ma tikkorrispondix mal-artikolu 293 imsemmi.[157]

---

restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (***Commento al Codice Penale Italiano***, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105).

[156] *op. cit.* para. 1953, pag. 105-106.

[157] **Il-Pulizija vs Paul Portelli,** Appell Nru: 423/2014 Deciza 11 ta' Settembru, 2015 mis-S.T.O Il-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri

Fil-fatt kien bil-promulgazzjoni tal-**Ordinanza VIII tal-1909** li d-disposizzjonijiet introdotti bl-**Ordinanza IV tal-1984**[158] gew sostitwiti bid-dispozizzjonijiet (artikoli 295 u 296)[159] li jikkorispondu mal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Kien ghalhekk li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza taghha **Sua Maesta il Re vs Giuseppe Felice** iddecidiet:

> Attesocche' nei termini dell'articolo 295 delle Leggi Criminali come emendato coll'articolo 28 dell' Ordinanza VIII del 1909, conforme all' articolo 417 Codice Penale pel Regno d'Italia "commette frode chiunque si appropria convertendola in profitto di se' o di un terzo una cosa altrui che gli sia stata affidata e consegnata per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restiturila o di farne un uso determinato.

Issir riferenza ukoll ghad-decizjoni **The Police vs Artur Arakelyan:**[160]

> Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:
>
> "*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[161]
>
> The key phrases in the law lie in the words "**under a title which implies an obligation**" and "**to make use thereof for a specific purpose**" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent

---

[158] 276. Chiunque, avendo ricevuto la cosa altrui in deposito volontario o per uso determinato, per causa di lucro negasse la ricezione, od allegasse un falso motivo per liberarsi dall' obbligo della restituzione, sara' punito coi lavori forzati o colla prigionia da due a nove mesi.

[159] 295. Chiunque si appropria, convertendola in profitto di se' o di un terzo, una cosa altrui che gli sia stata affidata o consegnata per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato, sara' punito, a querela di parte, coi lavori forzati o colla prigionia fino a nove mesi

296. La pena e' da cinque mesi ad un anno, e si procede di ufficio, quando il delitto preveduto nell' articolo precedente sia commesso sulle cose affidate o consegnate per ragione di professione, industria, commercio, azienda, ufficio, servizio, o deposito necessario.

[160] Deciza 17.07.2013 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

[161] **Il-Pulizija vs Francis Camilleri,** Deciza 25.06.2001 – Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)

regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence. …..

Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.

Illi fil-kawza gja citata I**l-Pulizja vs Paul Portelli**, il-Qorti spjegat kif -

*huwa **t-titolu**, li bih ġie riċevut l-oġġett, li għandu jġib miegħu l-obbligu ta' użu speċifikat, u mhux neċessarjament li tali użu għandu jiġi speċifikat mill-proprjetarju mal-konsenja tal-oġġett".*

Dik il-Qorti kompliet hekk:

**15**. Di fatti, l-awtur **Luigi Majno** dwar dan l-element jgħid:

"Parlando la legge di affidamento o consegna senza specificazione di modalità, è indifferente che la cosegna sia fatta direttamente e materialmente dal proprietario, oppure la cosa poi appropriata fosse pervenuta in possesso del colpevole per effetto di un rapporto contrattuale non traslativo di dominio.[162]"

**16.** Għalkemm fil-paragrafu citat Majno jitkellem dwar impossessament mill-ħati b'effett ta' rapport kontrattwali – li hija ċertament is-sitwazzjoni l-aktar komuni -- tenut kont tal-fatt li, kif jgħid sew l-istess Majno fl-istess paragrafu, l-liġi ma tillimita b'ebda mod il-modalità ta' kif isir l-affidament jew il-konsenja, ma hemm ebda raġuni sabiex tiġi eskluża s-sitwazzjoni fejn il-konsenja u l-affidament isiru b'operazzjoni tal-liġi u t-titolu li jagħti lok għall-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir mill-ħaġa użu speċifikat ikun ukoll bl-operazzjoni tal-istess liġi.

**17.** Kif ġia ġie rilevat, mid-definizzoni tar-reat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li huwa t-titolu li bih is-suġġett attiv irċieva l-pussess tal-oġġett li għandu jkun tali li jobbliga lis-suġġett attiv li jagħmel użu speċifikat u mhux neċessarjament li l-użu għandu jiġi speċifikat mill-konsenjatur mal-konsenja tal-oġġett. Dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali li minnu jirriżulta li r-reat ta' approprjazzjoni indebita jista' jseħħ ukoll fuq ħaġa "fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba ... depożitu neċessarju" fejn l-affidament u l-konsenja u l-użu speċifikat ma jsirux direttament mill-propjetarju tal-oġġett depożitat iżda jsiru in virtù tal-liġi.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Concetta Charles**[163] il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat:

Dwar in-natura tal-misapproprijazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha diversi drabi.

[162] **Luigi Majno**, Commento al Codice Penale Italiano, Unione Tipografico – Editrice, Terza Edizione, 1911, pg. 592, #1948.
[163] Appell Kriminali Numru 375/2011 Deciz per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano 12 ta' Frar, 2013.

Fil-21 ta' Novembru, 1953 fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Giuseppe Cauchi'** il-Qorti kienet qalet hekk:

**Dwar l-elementi in ġenerali**

'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.'

Fil-każ '**Il-Pulizija vs George Bellizzi'**, il-Qorti qalet hekk:

'Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodici Kriminali Taljan.

Fil-ligi tagħna anki min jagħmel użu mill-oggetti fdati lilu diversi mill-uzu specifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oggett u dan l-uzu divers jaghmlu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, ikun hati ta' dan ir-reat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** gie deciz:[164]

"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"

[164] Deciza 15.02.2007 per S.T.O. Prim Imhallef, Dr. Vincent De Gaetano; Appell Numru 87/2007

Fuq dan l-insenjament u fid-dawl tal-provi migjuba mhemmx dubbju li prosekuzzjoni soddisfacentement ippruvat il-kaz taghha.

Illi dwar piena l-Qorti qiset in-natura tar-reat li dwaru qed tinstab htija, tal-fedina penali netta taghha, tal-kondotta sfrenata tal-imputata mifruxa fuq xhur, tal-fatt li minkejja t-trapass ta' zmien ma sar l-ebda kumpens jew restituzzjoni lill-kwerelanti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment fid-dawl tal-gurisprudenza li ser tigi ccitata.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[165]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[166]

---

165 **Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Dec. 28.11.2006.
166 **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.

Illi fil-kaz in ezami **l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija**; **huwa ragel adult u ta' certa esperjenza** li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;....[167] [emfazi tal-Qorti]

Illi imbghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tak-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:[168]

**8.** Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Wood** din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement,[169] kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali[170]. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A,[171] li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza[172] u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing**[173] *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to*

---

[167] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Dec. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[168] Per S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano, Deciza 13 ta' Novembru, 2009; Appell Kriminali Numru. 328/2009

[169] Id-disposizzjonijiet taghna dwar is-sentenza ta' prigunerija sospiza huma mudellati fuq il-ligi Ingliza, ligi, li ghandu jinghad, illum tbiddlet hafna mill-mudell li fuqu bbaza ruhu l-legislatur Malti.

[170] **Il-Pulizija v. Joseph Said** App. Krim. 26/11/1992.

[171] 28A(2): *"Qorti ma ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza…"* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

[172] Ara wkoll **R. v. O'Keefe** (1969) 2 QB 29; [1969] 1 All ER 426.

[173] Cambridge Studies in Criminology, Heinemann (London) 1979, pp. 244-245.

*some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."* Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' **Anthony Wood**) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).

**9.** Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi *blog* fuq l-*internet* biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [174]:

> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

Meta jigu kkunsidrati l-fatti ta' dan il-kaz tant reprensibbli u ta' ghajb, u senjatament li l-imputata mhix ta' xi eta` żagħżugħa fejn ma rrejalizatx l-konsegwenzi t'ghemilha, li r-reat twettaq fil-konfront ta' ommha, mara anzjana, li kienet ghazlet li thalliha tghix go darha anke wara li zzewget, kkunsidrat il-valur tal-flejjes li approprijat ruhha minnhom u l-frekwenza li bih wettqet il-kondotta krimunza taghha, din il-Qorti ma tara l-ebda attenwant li jimmilita favur li ma jigix applikat il-provvediment tal-artiklu

[174] (1974) 60 Cr. App. R. 74.

18 tal-Kodici Kriminali; anke meta il-piena erogabbli, minghajr dan l-aggravant, hi dik ta' bejn sentejn u disa' snin prigunerija.

L-imputata ghazlet li thallas lil min taha l-hajja, rabbiha u fdaha b'gidha billi nezzatha minn dak il-gid li tul is-snin hi u zewgha kienu faddlu. B'hekk lil Maria Mifsud gie michud id-dritt li, wara hajja li ratha trabbi xejn anqas minn 8 ulied, b'dak li hi u zewgha kienu akkwistaw tul hajjithom tkun f'posizzjoni tghix l-ahhar parti mit-traggit taghha fuq din l-art kif xtaqet, fil-kenn u kura f'*Home* tal-ghazla taghha. F'dan il-kaz ma hemmx dubbju li ghandha tigi imposta piena karcerarja biex isservi ta' deterrent lil min jahseb li jista' bl-ghemil minn tieghu jisfrutta lill-persuni l-aktar vulnerabbli fosthom dawk, li aktar ma jigu mislufa zmien fuq din l-art, aktar jigu kostretti jirrikorru ghall-ghajnuna ta' dawk li l-aktar jafdaw f'din il-hajja.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha **erba snin prigunerija**.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hatja thallas lura lil parte leza s-somma ta' **€30,466.25 kif ukoll tad-deheb li elenku tieghu tinsab a fol.53**.

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f'kawża ċivili bejn l-imputata u l-parte leza.

Finalment fid-dawl tax-xhieda moghtija minn Joseph Mifsud, tordna lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru, *inter alia*, ir-reati kkontemplati fl-artikolu 104(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fil-konfront tal-istess Joseph Mifsud.

Il-Qorti tordna li kopja tax-xhieda tieghu kif ukoll dik ta' Joanne Bartolo moghtija f'dawn il-proceduri flimkien ma din is-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex immedjatament jaghmel l-investigazzjonijiet hekk kif ordnat.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**